31981R2930

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2930/81
tat-12 ta' Ottubru 1981
li jadotta dispożizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 tat-28 ta' April 1981 li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini [2], u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' Artikolu 6 tiegħu,

Billi, sabiex tassigura l-klassifika uniformi tal-karkassi ta' annimali adulti bovini fil-Komunità, huwa neċessarju li jsiru tifsiriet ta' klassijiet ta' konformità u klassijiet ta' ħxuna, iktar preċiżi;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond il-Kumitat ta' Ġestjoni għal Ċanga u Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet addizzjonali msemmija fl-ewwel subaparagrafu ta' Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1208/81 għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni uffiċjali tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Ottubru 1981.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 148, 28. 6. 1968, p. 24.
(2) ĠU L 123, tas-7.5.1981, p. 3.

ANNESS

1. KONFORMITÀ

L-iżvilupp ta' profili ta' karkassi, b'mod partikolari l-partijiet essenzjali (il-qatgħa tonda, d-dahar, l-ispalla)

Klassi ta' konformità	Dispożizzjonijiet addizzjonali		
E eċċellenti	*Il-Qatgħa Tonda:* ittundjata ħafna		Il-parti ta' fuq tixxerred sewwa tul is-simfisi (pelvi simfisi)
	Dahar:	wiesa' u oħxon ħafna, sa l-ispalla	Rump ittundjat ħafna
	Spalla:	ittundjata ħafna	
U tajjeb ħafna	*Il-Qatgħa Tonda:*	ittundjata	Il-parti ta' fuq tixxerred sew tul is-simfisi (pelvi simfisi)
	Dahar:	wiesa' u oħxon, sa l-ispalla	Rump ittundjat
	Spalla:	ittundjata	
R tajjeb	*Il-Qatgħa Tonda:*	żvilluppata sew	Il-parti ta' fuq u r-rump huma kemm kemm ittundjati
	Dahar:	għadu oħxon imma inqas wiesa' ma' l-ispalla	
	Spalla:	relattivament żvilluppat sew	
O mhux ħażin	*Il-Qatgħa Tonda:*	żvilupp medju jxaqleb għal żvilupp b'nuqqas	
	Dahar:	ħxuna medja lejn ħxuna b'nuqqas	Rump: profil dritt
	Spalla:	żvilupp medju lejn kważi ċatta	
P povra	*Il-Qatgħa Tonda:*	żviluppat ftit	
	Dahar:	dejjaq bl-għadam viżibbli	
	Spalla:	ċatta bl-għadam viżibbli	

2. GRAD TA' KOPERTURA TA' XAĦAM

Ammont ta' xaħam fuq barra tal-karkassa u fil-kavità toraċika

Klassi ta' kopertura ta' xaħam	Dispożizzjonijiet addizzjonali
1 baxx	Ebda xaħam fil-kavità toraċika
2 ħafif	Fil-kavità toraċika il-muskolu jidher b'mod ċar bejn il-qafas
3 medja	Fil-kavità toraċika il-muskolu jidher bejn il-qafas
4 għoli	Il-ħjut tax-xaħam fuq il-qatgħa tonda huma prominenti. Fil-kavità toraċika il-muskolu bejn il-qafas jista' jkun infiltrat bix-xaħam
5 għoli ħafna	Il-qatgħa tonda hija kompletament koperta bix-xaħam, li l-ħjut tax-xaħam mhumiex iktar viżibbli b'mod ċar. Fil-kavità toraċika il-muskolu bejn il-qafas huwa infiltrat bix-xaħam